MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## PAUL COPPINI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 61/2013

**Spiridione u Victor pensjonanti, u Anthony impjegat governattiv, u Doris armal ta' Ferdinando Zammit, aħwa Vella; l-istess Anthony kemm f'ismu proprju kif ukoll bħala mandatarju ta' ħutu msefrin Emanuel, George, u Michael, aħwa Vella;**

**Ursola armla ta' Luigi Vella; Annamarie mart Patrcik Farrugia u Gerald impegat, aħwa Vella.**

**vs**

**Dr. Kevin Mompalao li b'digriet tas-17 ta' Jannar 2012 fl-atti tar-Rikors numru 83/2011 fl-ismijiet "Spiridione Vella et vs Dr. Kevin Mompalao nomine" ġie nomina bħala kuratur**

**deputat sabiex jirrappreżenta lill-wirt ġjaċenti ta' Spiridione Vella ġia bin il-mejtin Spiridione u Dolores nee' Grech.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat li permezz tiegħu l-atturi wara li ppremettew:

1. Illi Spiridione Vella, diġà bin il-mejtin Spiridione u Dolores nee' Grech jiġi z-ziju patern tal-esponenti Spiridione u Victor pensjonanti, u Anthony impjegat governattiv, u Doris armla ta' Ferdinando Zammit, Emanuel, George, Michael, u Gerald aħwa Vella, kif ukoll ta' Luigi Vella, r-raġel tal-esponenti Ursola Vella, u missier Annamaria Farrugia u Gerald Vella;

2. Illi dan Spiridione Vella kien emigra lejn l-Amerka, u ilu nieqes minn Malta u ħadd ma sema' ħbaru għal ferm iktar minn għaxar (10) snin;

3. Illi l-esponenti ma jafux x'seta' ġara minn Spiridione Vella, u għalkemm jafu li kien miet u kellu għaxart itfal, qatt ma kellhom kuntatt ma' dawn it-tfal għajr għal kif sejjer jiġi spjegat hawn taħt, la jafu x'jisimhom, jekk dawn għadhomx ħajjin jew mejtin u qatt ma semgħu bi ħbarhom;

4. Illi minn riċerki fir-reġistru pubbliku, irriżulta li l-assenti ma kienx għamel testmenti pubbliċi;

5. Illi l-eqreb qrabat ta' Spiridione Vella huma n-neputijiet tiegħu, ulied ħuh Michael Vella – u ċjoè l-esponenti aħwa Vella ulied Michael, u ulied ħuhom l-ieħor il-mejjet Luigi Vella, ċjoè Annamaria Farrugia u Gerald Vella;

6. Illi Luigi Vella kien miet fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar elfejn u sitta (2006), u skont it-testment tiegħu fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech tal-erbatax (14) ta' Ottubru elfejn u tlieta (2003) huwa ħalla l-użu u użufrutt tal-beni tiegħu lil martu Ursola Vella, u bħala eredi universali tiegħu liż-żewġ uliedu Anna Marie Farrugia u Gerald Vella. Id-dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis tiegħu saret fl-atti tan-Nutar Maria Grima fit-tnejn (2) ta' Mejju elfejn u sitta (2006);

7. Illi sa fejn jafu l-esponenti l-uniċi assi spettanti lil Spiridione Vella jikkonsistu fir-rikavat nett mill-bejgħ ta' terz indiviż minn fond fi Triq Marina Xlendi, liema bejgħ kien ġie awtorizzat b'sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-kompetenza kontenzjuża tagħha fil-kawża fl-ismijiet "Spiridione Vella et vs Dr Kevin Mompalao noe" tas-6 ta' Ġunju 2012. Skont dik is-sentenza, sehem l-assenti nbiegħ bi prezz ta' € 85400 (ħamsa u tmenin elf u erba'mitt euro), iżda minn dak il-prezz tnaqqset is-somma ta' € 5978 (ħamest elef disa' mija u tmienja u sebgħin euro) oltre l-ispejjeż u drittijiet tal-kuratur deputat biex b'hekk fadal disponibbli inqas minn tmenin elf euro (€80,000); Stante li fl-atti ta' dik il-kawża hemm annessi numru ta' dokumenti rilevanti għat-talba odjerna, l-esponenti hawnhekk jagħmlu piena riferenza għall-atti proċesswali ta' dik il-kawża;

8. Illi permezz ta' żewġ rikorsi ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja, Rikors Numru 131/2012 u Rikors Numru 95/2013, l-esponenti talbu li dik l-Onorabbli Qorti tapplika fir-rigward tal-assenti Spiridione Vella d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 205 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili billi:

    a. Fl-ewwel lok, tawtorizza lill-esponenti sabiex iwettqu riċerka fir-reġistru ta' din il-Qorti u fir-reġistru tal-Qorti ta' Malta sabiex jivverifikaw jekk Spiridione Vella kienx għamel xi testment sigriet;

    b. F'każ li jinsab testment sigriet, tordna l-ftuħ ta' tali testment sigriet u dan kollu fit-termini tal-Artikolu 205 tal-Kap. 16;

    c. Tordna l-pubblikazzjoni tad-debiti bandi fit-termini tal-istess Artikolu 205 u tal-Artikolu 195 tal-Kap. 16;

    d. Tawtorizzahom jidħlu fil-pussess provviżorju tal-beni tal-assenti, fit-termini tal-Artikolu 208 tal-Kap. 12, b'dan li l-garanzija li għandha tiġi pprovduta minnhom sabiex ikun jista' jseħħ dan għandha tiġi stabbilita billi jittieħed kont tal-fatt li l-uniċi assi li kellu Spiridione Vella jikkonsistu fir-rikavat nett hawn fuq imsemmi.

9. Illi bid-digriet tagħha tal-21 ta' Jannar 2013, fl-atti tar-Rikors Nru. 131/2012, u digriet ieħor tas-7 ta' Awwissu 2013 fl-atti tar-Rikors Nru. 95/2013, dik l-Onorabbli Qorti kienet ċaħdet it-talbiet tagħhom għall-istess raġunijiet elenkati fir-risposta tal-kuratur Dr. Kevin Mompalao; u fl-aħħar digriet fuq imsemmi ikkonkludiet li "l-uniku mezz biex id-digriet mogħti minn din il-qorti fil-21 ta' Jannar 2013 jigi varjat

(tenendo kont li xejn ma tbiddel) huwa billi l-istess rikorrenti jipproċedu fil-kontenzjuż".

10. Illi f'dawk ir-risposti, (li baqgħu qatt ma ġew innotifikati lill-esponenti jew lill-avukat tagħhom prorpju għaliex il-kuratur naqas milli jħallas id-debita notifika, jew talinqas jibgħat kopja elettronika lill-esponenti – u dan minkejja li l-avukat sottoskritt kien enfażizza kemm mal-kuratur kif ukoll mal-qorti dwar l-importanza li tali risposti jiġu hekk notifikati qabel ma jingħata digriet finali) il-kuratur kien sostna li l-proċedura invokata mill-esponenti "hija applikabbli għal meta persuna tkun assenti fis-sens li tkun għebet minn dawn il-gżejjed u ħadd ma sema biha aktar, fis-sens li tali persuna tkun sparixxiet u ġiet dispers b'mod li ma jkunx magħruf jekk din il-persuna għadhiex ħajja jew mejta";

11. Illi l-kuratur kien imbagħad sostna dan l-argument tiegħu billi rrefera għal dak li sema waħda mir-rikorrenti tgħid waqt il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ tal-fond fix-Xlendi, Għawdex;

12. Illi l-esponenti xejn ma huma konvinti la mill-kontenut tar-risposta tal-kuratur u lanqas bid-digriet finali tal-Qorti Volontarja u għaldaqstant qegħdin jaġixxu fil-kontenzjuż quddiem din l-Onorabbli Qorti kif diretti minn dik il-Qorti.

13. Fl-ewwel lok, ma huwiex minnu li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 205 et seq jirreferu biss għal meta persuna tkun sparixxiet minn dawn il-Gżejjer. Id-definizzjoni ta' "assenti" tagħtihielna l-liġi stess, fl-Artikolu 193, u ma hemm xejn f'din id-dispożizzjoni li tillimita l-applikabbiltà tat-Titolu relativ għal xi ħadd li jkun sparixxa jew ikun ġie dispers. Difatti dan l-Artikolu jgħid sempliċement:

> "Dak illi ma baqax jidher f'Malta, mingħajr ma jkun hemm ebda aħbar tiegħu, jitqies assenti għall-finijiet tad-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu".

Ma hemm xejn f'dan l-Artikolu li jindika li huwa rikjest li l-persuna li għandha titqies assenti tkun sparixxiet jew għebet f'ċirkustanzi misterjużì jew traġiċi – għall-kuntrarju, l-esponenti jistgħu jiċċitaw diversi okkażjonijiet, kemm f'Malta kif ukoll quddiem din l-Onorabbli Qorti fejn

persuni li jkunu emigraw u imbagħad ħadd iktar ma jkun sema' ħbarhom jiġù ddikjarata assenti fit-termini ta' dan l-Artikolu.

14. Element ieħor li jsostni t-teżi tal-esponenti huwa l-fatt li l-liġi stess tikkontempla l-każ fejn l-assenti "jiġi lura" (ara l-Art. 202 tal-Kap. 12) mentri fl-Artikolu 220 tipprospetta l-każ li l-assenti "jiġi lura" bħala alternattiva għall-każ fejn jinsab li dan "għadu ħaj" tant li dawn iż-żewġ każijiet huma mifruda minn xulxin bl-avverbju "jew".

15. L-esponenti jissenjalaw ukoll li l-fatt minnu nnifsu li min ikun emigra u ma reġax irritorna lura Malta jkollu l-ulied ma jostakolax l-applikazzjoni tad-dispożìzzjonijiet ta' dan it-Titolu. Fl-aħħar mill-aħħar, il-pussess ta' ħwejjeġ l-assenti jingħata lill-eqreb qrabat tal-assenti li jkunu jinsabu f'Malta biss provviżorjament. U l-leġiżlatur innifsu jipprospetta l-każ li wara li jkun ingħata l-pussess provviżorju lil min jitqies imsejjaħ għal dak il-pussess, jiġì l'quddiem xi persuna jew persuni li għandhom jedd aqwa għall-pussess tal-ħwejjeġ tal-assenti f'Artikolu 219.

16. L-esponenti jirrilevaw li l-informazzjoni li huma għandhom dwar it-tfal preżuntivi ta' Spiridione Vella ma hijiex tali li tippermetti li jsir il-proċess ta' dikjarazzjoni ta' assenti fil-konfront tagħhom. Il-persuna li l-kuratur sema' titkellem dwar ulied l-assenti hija Carmen Vella, mart l-esponenti Spiridione Vella. Din Carmen Vella ddikjarat bil-ġurament x'kien ġara meta għexieren ta' snin ilu u l-affidavit tagħha diġà ġìe ppreżentat fl-atti tar-Rikors Nru. 95/2013 quddiem il-Qorti Volontarja.

17. U finalment, l-esponenti jissottomettu li skont it-teżi proposta mill-kuratur, il-ħwejjeġ tal-assenti sejrin jibqgħu dejjem fi speċi ta' limbu ma jistgħu jintmessu minn ħadd għaliex ġaladarba l-esponenti kellhom xi ħjiel li l-assenti kellu l-ulied ma tistax issir talba għall-pussess, anki provviżorju ta' ħwejġu, filwaqt li ġaladarba l-esponenti ma għandhomx informazzjoni biżżejjed dwar dawn l-ulied bħal pereżempju l-isem tagħhom, l-istat tagħhom, fejn setgħu kienu joqgħodu, id-data tat-twelid tagħhom, ma tistax issir proċedura fir-rigward tagħhom.

Talbu lil din il-Qorti:

1. Fl-ewwel lok, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex iwettqu riċerka fir-reġistru ta' din il-Qorti u fir-reġistru tal-Qorti ta' Malta sabiex jivverifikaw jekk l-imsemmi Spiridione Vella kienx għamel xi testment sigriet;

2. F'każ li jinsab testment sigriet, tordna l-ftuħ ta' tali testment sigriet u dan kollu fit-termini tal-Artikolu 205 tal-Kap. 16;

3. Tordna l-pubblikazzjoni tad-debiti bandi fit-termini tal-istess Artikolu 205 u tal-Artikolu 195 tal-Kap. 16;

4. Tawtorizzahom jidħlu fil-pussess provviżorju tal-beni tal-assenti, fit-termini tal-Artikolu 208 tal-Kap. 12, b'dan li l-garanzija li għandha tiġi pprovduta minnhom sabiex ikun jista' jseħħ dan għandha tiġi stabbilita billi jittieħed kont tal-fatt li l-uniċi assi li kellu Spiridione Vella jikkonsistu fir-rikavat nett hawn fuq imsemmi;

5. Għal dan il-għan, jekk hemm bżonn, tordna r-revoka tad-digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja tal-21 ta' Jannar 2013, fl-atti tar-Rikors Nru. 131/2012, u l-ieħor tas-7 ta' Awwissu 2013 fl-atti tar-Rikors Nru. 95/2013.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni, li għaliha minn issa huwa inġunt.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut nomine fejn eċċepixxa:

1. Illi qabel xejn il-kummenti żejda kontenuti f'paragrafu għaxra (10) tar-rikors ġuramentat għandu jiġu mħassra ai termini ta' l-artikolu 159 (2) tal-Kap 12; kuntrarjament għal dak allegat l-kuratur dejjem preżenta t-tieni kopja biex tiġi notifikata lir-rikorrenti u kuntrarjament għal dak allegat, kuratur deputat ma jħallasx tan-notifiki, għaliex tali issir bla ħlas. Jekk ir-rikorrenti ma ġewx notifikati huwa responsailita' ta' l-amministrazzjoni tal-Qorti. Għalhekk kummenti frivoli ma hux posthom fir-rikors ġuramentat u dan skont ma jipprovdi l-artikolu 159 tal-Kap. 12;

2. Illi fil-mertu, Spiridione Vella ma huwiex assenti fit-termini tal-liġi. Spiridione Vella kien emigrat fl-esteru fejn miet u fejn għadhom jgħixu

wliedu. Ġaladarba l-atturi stess jafu li miet fl-esteru, dan ma jistax jikkwalifika bħala *'dak li ma baqax jidher f'Malta, mingħajr ma jkun hemm ebda aħbar tiegħu'* fit-termini tal-artikolu 193 tal-kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. U għalhekk l-provvedimenti kollha invokati minn l-attuir a bażi tat-titolu VII tal-Kap. 16 ma humiex applikabbli għal każ odjern;

3. Illi l-mejjet Spiridione Vella ma huwiex u qatt ma kien assenti. Assenti hija dik il-persuna li ġiet dispersa jew li tkun ħalliet dawn il-gżejjer u ħadd ma jaf x'sar minnha u jekk hix ħajja jew mejta. Ġaladarba hemm għarfien tal-mewt ta' Spiridione Vella (ħaġa kkonfermata bil-ġurament fir-rikors ġuramentat), dawn il-provvedimenti ma japplikawx, u se mai japplikaw l-provvediment għal wirt battal. Fil-fatt hu notat illi l-esponenti hwa nominat *'bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-wirt ġjaċenti ta' Spiridione Vella'* u mhux f'vesti oħra. Bit-teżi ta' l-atturi kull min jemigra minn Malta u jibqa jgħix fl-esteru għandu jiġi meqjus bħala assenti u tinfetaħ is-suċċessjoni tiegħu lokalment favur ħaddieħor – teżi li żgur ma ssibx il-komfor tal-liġi;

4. Di piu hu magħruf ukoll illi hemm ulied il-mejjet Spiridione Vella u li dawn ma jistgħax jingħad li ma hemmx aħbarhom għaliex kif jikkonfermaw l-attur xi snin ilu dawn ġew Malta u anke għamlu kuntatt ma l-atturi;

5. Illi l-assi tal-mejjet Spiridione Vella qatt ma jistgħu jispettaw lil atturi, iżda għandhom jisġettaw jew lil eredi huma jew fin-nuqqas lil wirt battal, li għalieh imbagħad japplikaw il-provvedimenti l-oħra tal-liġi;

6. Illi għalhekk ma hemm lok illi jiġu revokati id-digrieti mogħtija mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja u wisq anqas illi jintlaqgħu t-talbiet attriċi;

7. Illi din ir-risposta qed issir u qed tiġi kkonfermata bil-ġurament mil-kuratur esponenti li għandu konoxxenza tas-suespost – b'riserva ta' risposta ulterjuri f'każ illi l-kuratur jirnexxilu jiġbor aktar informazzjoni dwar il-wirt minu rappreżentat.

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-kawża.

Rat l-atti tal-kawża: Rikors Ġuramentat Numru 83/2011fl-istess ismijiet, deċiż minn din il-Qorti, diversament ippresjeduta, fis-6 ta' Ġunju 2013, u tar-Rikors Numru 42/2012 quddiem din il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Volontarja tagħha, t-tnejn allegati permezz tad-digriet tat-12 ta' Novembru 2013.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet tal-kontendenti.

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jittentaw jiksbu l-pussess proviżorju tal-assi ta' ċertu Spiridione Vella a bażi tal-artikolu 208 tal-Kap.16, wara li jsiru l-proċeduri rikjesti mil-liġi u ndikati minnhom fil-kawża tagħhom. Il-konvenut nomine qed jopponi, għax jikkontendi li l-persuna konċernata ma tinkwadrax ruħha fid-definizzjoni ta' persuna assenti mogħtija fl-artikolu 193 tal-Kodiċi Ċivili. Il-konvenut nomine qed jidher f'din il-kawża fil-vesti tiegħu ta' kuratur tal-wirt ġjaċenti tal-imsemmi Spiridione Vella, wara li kien ġie nominat minn din il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Volontarja tagħha,[1] sabiex jirrapresenta dan il-wirt fi proċeduri li kellhom jittieħdu sabiex tinbiegħ bil-proċedura kontemplata fl-artikolu 495A tal-Kap.16 proprjeta' fix-Xlendi, li minnha Vella kellu sehem indiviż.[2] L-assi tiegħu f'dawn il-gżejjer jidher li jikkonsistu unikament f'sehmu mir-rikavat ta' dan il-bejgħ.

Mill-estratt taċ-ċertifikat tat-twelid ta' Spiridione Vella jirriżulta li dan twieled fis-sena 1899,[3] u allura kieku għadu ħaj, illum għandu mija u ħmistax il-sena. L-atturi, li huma neputijet jew proneputijet tiegħu, jgħidu li kien emigra lejn l-Istati Uniti tal-Amerika iżjed minn sebgħin sena ilu, u qatt iżjed ma semgħu aħbaru. Jafu pero' li kellu għaxart itfal u "*l-esponenti ma għandhomx illum kuntatt ma' dawn l-ulied u ma jafux min jirrapresentahom f'Malta jew għandu l-prokura tagħhom.*" Dan kienu kkonfermawh bil-ġurament tagħhom fir-Rikors Ġuramentat li kien sar taħt il-proċedura kontemplata fl-artikolu 495A tal-Kap.16.[4] Jidher li xi żmien ilu, tal-inqas

[1] Ara atti tar-Rikors nru.42/2012
[2] Ara atti tal-kawża: 83/2011
[3] A fol.23 tal-process
[4] Ara atti tal-kawża 83/2011

waħda minn dawn uliedu kienet għamlet żjara f'Għawdex u anke ltaqgħet mal-qraba tagħha.[5]

Li jrid jiġi deċiż għalhekk huwa jekk f'dawn iċ-ċirkostanzi, għandhomx dritt l-atturi jużufruwixxu ruħhom mill-fakoltajiet kontemplati mil-liġi fl-artikoli fil-Kodiċi Ċivili li jirrigwardaw il-persuni assenti, u partikolarment dawk dwar il-pussess proviżorju ta' ħwejjiġhom, taħt l-artikoli 205 - 222 tal-Kap.16. L-artikolu 193 tal-Kap.16 jiddefinixxi persuna assenti bħala "**dak illi ma baqax jidher f'Malta, mingħajr ma jkun hemm ebda aħbar tiegħu**." Ma jidhirx li każ simili qatt ġie ttrattat mill-qrati tagħna, u l-kawżi li saru, dejjem kienu jikkonċernaw persuni li kienu jirrisjedu f'dawn il-gżejjer u għebu f'daqqa waħda mingħajr ebda spjegazzjoni jew wara xi disgrazzja magħrufa, imma fejn il-katavri tagħhom baqgħu ma nstabux.[6]

Il-Kodiċi Ċivili l-antik taljan jagħti definizzjoni simili għal tagħna imma piuttost iżjed spjegattiva. "**La persona che ha cessato di comparire nel luogo del suo ultimo domicilio o dell'ultima sua residenza, senza che se ne abbiano notizie, si presume assente.**"[7] Ikun għalhekk floku li wieħed jara x'għandha xi tgħid id-dottrina taljana f'dan ir-rigward. Ir-**Ricci**, l-istess awtur iċċitat estensivament mill-atturi fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tagħhom jindika żewġ kondizzjonijiet sabiex persuna tkun tista titqies bħala 'assenti'. "*…l'una l'aver cessato la persona di comparire nel luogo del suo ultimo domicilio; l'altra, la mancanza di qualsiasi notizia in ordine alla persona scompasa,.,*" u jkompli jispjega li "*…in quest'ultima condizione sta precisamente la sostanza del concetto giuridico dell'assenza. Se dunque si domanda che cosa sia l'assenza, si puo' rispondere, consistere essa nella incertezza della sorte toccata a colui che scomparve dall'ultimo suo domicilio.*

*Se domandiamo in che consiste la presunzione della legge, ci si risponde, la medesima non consistere in alto se non nella deduzione che il legislatore trae di un fatto ignoto da un fatto noto.*

[5] Ara xhieda ta' Carmela Vella tat-18 ta' Frar 2014
[6] Ara sentenzi citati mill-konvenut nomine fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tiegħu
[7] Art.20 tal-Kodici tal-1865

*Ora in materia d'assenza, quale puo' essere il fatto noto su cui fondare la presunzione del legislatore, dal momento che esso stesso ci dice, non consistere l'assenza se non nello stato d'incertezza relativamente alla persona scomparsa. E' impossibile adunque che l'assenza consista in una presunzione di vita o di morte, quando manca il fondamento alla presunzione, qualunque essa siasi.*

*L'assente pertanto non si presume ne' vivo ne' morto. Di lui si sa solo che e'scomparso dal luogo del suo ultimo domicilio, ma s'ignora completamente che ne sia avvenuto dopo questo tempo. In questo stato d'incertezza la legge non presume alcun che, si preoccupa solo dei beni dell'assente, dei suo figli minori e provede agli uni e agli altri."* [8]

Il-**Pacifici-Mazzoni** jagħti din it-tifsira: *"Assente in senso volgare chiamasi quegli che non e' presente in un luogo determinato, e quegli che si trova lontano del suo domicilio o della sua residenza attuale. In senso giuridico chiamasi assente quegli che s'ignora se sia vivo o morto, per non essere comparso piu' nel luogo del suo ultimo domicilio o della sua ultima residenza, e non aver dato di se' notizie.*

*Stante questa sostanziale differenza fa gli assenti in senso giuridco e i non presenti o i lontani,* ***non sono applicabili agli ultimi le disposizioni legislative riguardanti i primi****."* [9]

L-istess fid-**Digesto Italiano** jiġi mgħallem li: "… *non bisogna confondere la non presenza coll'assenza. La prima tieni bensi' della seconda, ma non e' la seconda: puo', cioe' la non-presenza presentare i diversi caratteri che si riscontrano pure dall'assenza, quali l'allontanamento dal proprio domicilio e residenza, l'ignoranza nella quale in generale si versa sul luogo in cui l'allontanatosi si trovi, ed anche la mancanza d'ogni sua notizia.*

*Ma la grande differenza fra questo stato e quello della vera assenza consiste in cio' che nel primo gli accennati fatti possono spiegarsi ancora con naturali circostanze, quali: breve tempo decorso dall'allontanamento, una ragione di commercio, ecc.,*

[8] Corso Teorico-Pratico di DirittoCivile vol.I pte.Prima para.179 pag.290-291
[9] Istituzioni di Diritto Civile vol.II. para.93, pag.134

*senza che ancora intevenga ragionevolmente quella incertezza sulla esistenza o meno che e' la vera caratteristica dell'assenza propriamente detta, e che si trova in minore o maggior grado in tutti i periodi di essa.*

*La legge dunque nel titolo di assenza, …non si occupa della prima, bensi soltanto della seconda delle accennate situazioni di fatto: non, dunque, della non-presenza, ma della vera assenza."* [10]

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, nsibu illi:

1. L-atturi stess kienu ġia rrikonoxxew li Spiridione Vella kien mejjet meta istitwew il-proċedura taħt l-artikolu 495A, u nfatti dik il-kawża saret kontra kuratur in rappresentanza tal-wirt ġjaċenti tiegħu, u mhux ta' persuna assenti;

2. meta miet Vella ma kienx domiċiljat jew residenti Malta; anzi qalu l-atturi stess li kien ilu li emigra lejn l-Amerika iżjed minn sebgħin sena qabel;

3. ma kienitx allura persuna "scomparsa" li ma jafux x'sar minnha, kif ġie mfisser fil-brani ċitati hawn fuq;

4. la huwa ammess li Vella kellu għaxart itfal, l-anqas ma jistgħu jippretendu l-atturi li għandhom xi drittijiet fuq l-assi tiegħu bħala eredi *ex lege*, għax ċertament xi uħud minn dawn it-tfal jew xi dixxendenti oħra ta' Spiridione Vella għadhom ħajjin;

5. żgur li ma setgħetx kienet l-intenzjoni tal-leġislatur, li nafu li mexa fuq il-prinċipji kontinentali bbażati fuq il-Code Napoleon, bħal ma kien il-Kodiċi taljan, li kull min jemigra jiġi klassifikat bħala assenti, sempliċement għax mhux magħruf l-indirizz attwali tiegħu; kull ma jenħtieġ huwa daqsxejn ta' sforz u rieda tajba biex jiġu ntraċċjati dawn id-dixxendenti ta' Spiridione Vella, ħalli jkunu jistgħu eventwalment jirreklamaw dak li ġustament jispetta lilhom, u li bħal issa qed jiġi adegwatament ittutelat mill-kuratur nominat.

[10] Vol.IV Pte.I, voce Assenza, pag.957 para. 36

F'tali ċirkostanzi hija l-fehma ta' din il-Qorti li Spiridione Vella ma jistax jiġi klassifikat bħala persuna assenti għall-fini tal-artikolu 193 tal-Kodiċi Ċivili, u konsegwentement l-atturi m'għandhom l-ebda dritt jużufruwixxu ruħhom mill-proċeduri kontemplati mil-liġi għall-pussess proviżorju tal-assi tiegħu.

Għaldaqstant tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-atturi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------